MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2007

Numru. 239/2002

PULIZIJA
SPETTUR IAN JOSEPH ABDILLA
VS
JOHN ZAMMIT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat John Zammit, ta’ 32 sena, bin Carmelo u Francis nee’ Bugeja, imwieled Pieta’ fil-25 ta’ Settembru 1969, u residenti fi 13, Lorenzo Gafa’, Zebbug, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 414569(M), u akkuzat talli fil-11 ta’ Novembru 1999 fil-Belt Valletta u f’dati precedenti:
(a) ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawn l-atti jew skritturi, wara li kienu gew iffirmati, inkella billi zied

jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jipprivaw, u cioe' ghamel falsifikazzjoni f'dokument ta' Diploma mahrug minn University of Scranton, Pennsylvania, u aktar talli xjentement ghamel uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza, u dan bi ksur tal-Artikoli 183 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, bi ksur tal-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(c) ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iffalsifikat bi ksur tal-Artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(d) b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq, bi ksur tal-Artikoli 308 u 309 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(e) fl-istess zmien, iffalsifika cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati, wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew mnn bank jew stabbiliment pubbliku iehor, imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, u dan bi ksur tal-Artikolu 167 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(f) u b'hekk bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, sar hati ta' reat iehor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx, jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi, u dan bi ksur tal-Artikolu 141 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali, taht liema Artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat.

Rat il-verbal tas-26 t'Ottubru 2005 fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jirrizulta illi fit-28 ta' Dicembru 2001, l-Ispettur Bernard Zarb, li kien ghadu kemm jigi stazzjonat fl-Economic Crimes Unit, beda jinvestiga kaz li kien inizjalment gie nvestigat mill-Ispettur Martin Sammut. Dan kien in segwitu ta' rapport li kien sar minn Dr Carmel Vella, mill-Veterinary Services, kontra John Zammit.

Infatti, Dr Carmel Vella, flimkien ma' Medical Counsel, kienu baghtu ittra tal-15 ta' Jannar 2002, u kopja ta' certifikat, allegatament minn University of Scranton, Pennsylvania, certifikat f'Animal Sciences, flimkien ma' zewg 'application forms' ghal registrazzjoni lil Medical Counsel, dokument BZ li jinsab a fol 11 u 12. F'dawn l-'application forms', fil-parti fejn hemm 'description of qualifications', l-imputat allegatament nizzel Dr Animal Sciences.

Spettur Bernard Zarb esebixxa wkoll dokument BZ li hija stqarrija tal-imputat, u xehed illi meta mar fir-residenza tal-imputat John Zammit u talbu biex jara dan ic-certifikat, l-imputat l-ewwel qal li ramih. Fl-istqarrija tieghu, li tinsab a fol 13-15, l-imputat jghid li huwa kien Pulizija, stazzjonat mal-SAG, numru PC 1217, disa' snin servizz. L-imputat innega li huwa qatt kellu medicini li jintuzaw minn veterinarji, u muri l-'applications' ghar-registrazzjoni mghoddija lill-Medical Counsel, dokument BZ, l-imputat ikkonferma illi dawn il-formoli kien imlihom hu u li kien ghadda c-certifikat anness maghhom. Illi fih jidher illi t-titlu "Dr." kien meliha hu flimkien ma' hutu **'biex niccajta'**.

Fl-istqarrija tieghu, l-imputat ikkonferma illi huwa meta kien applika ghall-kors ta' Animal Sciences by Correspondence huwa kien jaf illi dan kien ser jiehu Diploma u mhux Dottorat. Mitlub jghid ghalfejn allura

applika biex jirregistra ta' veterinarju, l-imputat stqarr illi kien haseb illi l-veterinarji jaghmlu korsijiet ta' dan it-tip biex jilhqu. L-imputat innega li huwa qatt kellu xi clinic jew qatt ipprattika fix-xoghol ta' Veterinarju, pero' qal li kien dilettant tal-annimali. Huwa kkonferma li kien ghamel kors 'by correspondence' ma' Universita' estera dwar il-kura tal-annimali. L-imputat ikkonferma illi hu kien ihobb hafna l-annimali, li kien jiehu hsieb tal-klieb u qtates li jigru barra, jigborhom u jikkurahom u jhallsilhom tal-medicinali minn butu.

Spettur Sammut xehed illi l-imputat kien qallu li meta kien isib 'home' ghal dawn l-annimali, huwa kien jaghti speci ta' history tal-annimal halli sid l-annimal ikun jista' jirreferi l-kaz ghand veterinarju. L-imputat ma kienx ta lill-Ispettur Sammut dettalji dwar l-isem tal-veterinarju li huwa kien jiehu l-annimali tieghu ghandu. Fl-istqarrija dokument MS a fol 26, l-imputat kien stqarr illi wara li kien ghamel il-kors ta' Animal Science by Correspondence, huwa kien imur jassisti lill-Veterinarju Dr Anette Borg, ta' Hal Balzan. F'din l-istqarrija, l-imputat baqa' jinsisti li huwa qatt ma kien ghamel xi haga kontra l-ligi, qatt ma kellu fil-pussess tieghu xi medicinali perikoluzi, qatt ma amministra l-ebda medicinali lill-annimali, u tant hu hekk li meta kellu bzonn, huwa kien ha lill-kelb tieghu ghand il-veterinarju Dr Portelli (ara xhieda a fol 26-28).

Dr Lino Vella, a fol 29, Direttur Generali tal-Food and Veterinary Office, xehed li kien ircieva diversi lmenti minghand veterinarji li kien hemm certu John Zammit, f'Haz Zebbug li kien qed jipprattika fuq l-annimali, u li dawn ir-rapporti bdew jidhlu fis-sena 2001. Illi filfatt, Dr Mirielle Vella li hija veterinarju, kienet giet mghoddija 'vaccination card' minghand il-klijenti taghha, fejn kien jidher illi kienet iffirmata minn John Zammit minn Haz Zebbug. Filfatt fuq il-'card' kien hemm ukoll 'telephone number' u dan it-'telephone number' kien tal-istess imputat. Dan il-'card' gie esebit bhala dokument CF, u jinstab a fol 32.

PS 1266 Noel Felice, a fol 34, ikkonferma illi l-imputat huwa membru tal-Korp tal-Pulizija fi grad ta' Kuntistabbli (ara fol 36-38 dokument PC).

Herbert Gullaimier, a fol 39, Registratur tal-Kunsill Mediku, ikkonferma li l-imputat kien gie l-ufficju tieghu sabiex japplika biex jigi registrat bhala veterinarju, u dan fl-1999. Illi filfatt huwa bhala registratur kien tah l-'application form' u kkonferma dokument BZ, l-original taghha. Illi mal-'application form' huwa rikjest ic-certifikat tat-twelid u kondotta tal-Pulizija u d-dokumenti li juru l-kors li l-persuna tkun ghamlet. Li meta gie prezentat dokument MC, Gullaimier kien fetah file sabiex imbaghad jinghadda lill-Kunsill li kellu laqgha fil-15 ta' Dicembru 1999. F'din il-laqgha, Dr Karm Lino Vella kien iddikjara fis-seduta li l-imputat ma kienx kwalifikat bhala veterinarju. Il-minuti ta' dan il-'meeting' gew esebiti bhala dokument MC1 li jinstabu a fol 47 tal-process.

Herbert Gullaimier, fit-tieni xhieda tieghu a fol 50, esebixxa certifikat iehor dokument X u l-applikazzjoni tar-registrazzjoni dokument X1.

Dr Mireille Vella Debrincat, Veterinarja, ikkonfermat il-'card' dokument CL a fol 52, u kkonfermat illi kellha klijenta li giet ghandha u prezentatilha l-'vaccination card' dokument CL, bhala prova li filfatt il-'pet' taghha kien ha t-titqiba necessarja. Meta Dr Mireille Vella Debrincat ghamlet il-verifiki taghha, il-klijenta kienet qaltilha li dan il-veterinarju kien jopera f'Haz Zebbug. A fol 56, Dr Mireille Vella Debrincat tat in-numru tat-telefon li kien hemm fuq il-'card', li fuqu kien irrisponda l-imputat Zammit.

Dr Charmaine Xuereb, a fol 58, Veterinarja, u membru tal-Board tal-Malta Veterinary Association, ikkonfermat illi gew klijenti ghandha u qalulhom illi kienu hadu l-'pet' taghhom (qattus) ghand it-tabib ta' Haz Zebbug, cioe' Dr John Zammit. Dr Xuereb ikkonfermat illi l-klijenti taghha kienu qalulha li din il-qattusa kienet inghatat il-'vaccination' minghand Dr Zammit, tabib f'Haz Zebbug. Dr Xuereb xehdet ukoll li kien hemm klijenta ohra li cemplitlu

u sar appuntament biex il-qattus jigi msewwi u l-kelb jinghata 'vaccination'.

PL Noel Scerri kkonferma illi n-numru tat-telefon 462010 mghoddi minn Dr Mireille Vella Debrincat kien registrat f'isem John Zammit, ta' 13, Triq Lorenzo Gafa', Zebbug.

Dr Lino Vella, a fol 92, ikkonferma l-'card' dokument CL a fol 32 u kkonferma illi bhala membru tal-Medical Counsel, huma kienu jafu l-Veterinarji kollha li kienu registrati hawn Malta, u li kellhom il-'warrant' minghand il-President tar-Repubblika. Dr Vella kkonferma illi kien hemm talba minghand l-imputat John Zammit sabiex jinghata l-'warrant' u jahdem bhala Veterinarju, u din giet quddiem il-Medical Counsel li ndunat mill-ewwel li d-"Dr" gie mizjud fuq ic-certifikat originali, u kien jidher li c-certifikat certament ma kienx accettabbli, ghax ma kienx mahrug minn Universita' kif suppost. Ikkonferma li l-Medical Counsel, wara li ezamina d-dokumenti kollha esebiti mal-applikazzjoni, wasal ghall-konkluzjoni li l-imputat ma ssodisfax ir-rekwiziti tal-Medical Counsel. Dr Lino Vella kkonferma, a fol 94, illi huwa mill-ewwel induna li kien hemm id-"Dr" mizjuda fuq ic-certifikat.

Ikkunsidrat:-

L-imputat jinstab mixli bl-Artikolu 183 tal-Kap 9, li jiddeponi:

*'Kull persuna ohra li taghmel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali, jew ta' bank privat, falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskritturi jew fil-firem, billi tohloq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi ddahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi b'dawk l-atti jew skritturi, wara li jkunu gew iffirmati, inkella billi zzid jew tbiddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, tehel, meta tinstab htija, ghal piena ta' prigunerija minn tlettax-il xahar sa erba' snin…'.*

Illi kuntrarjament ghal dak li jinghad mid-Difiza fit-trattazzjoni minn fol 103-111, u b'mod partikolari ghal dak li jinghad a fol 106, f'paragrafu 3, din il-Qorti hi tal-fehma illi l-kaz jinkwadra precizament taht l-Artikolu 183. Dan qed jinghad ghal diversi ragunijiet kardinali fosthom huwa l-fatt li certifikat minnu nnifsu huwa att awtentiku u pubbliku par excellence. Il-falsifikazzjoni f'dan il-kaz, sar kif jammetti l-istess imputat fl-istqarrija tieghu, billi l-imputat inserixxa l-kliem "Dr.", fic-certifikat dokument X li jinsab a fol 52, kif ukoll fl-applikazzjoni ghar-registrazzjoni ghal Veterinarju, dokument DX1 a fol 53. Din il-falsifikazzjoni tinkwadra ben car fil-kliem precizi tal-ligi, l-istess Artikolu 183 u cioe':

*'Inkella billi zzid jew tbiddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw'.*

Illi d-Difiza, a fol 108, issollevat id-difiza tal-falz grossolan. In sostenn ta' dan, id-Difiza citat ix-xhieda ta' Dr Lino Vella, u d-depozizzjoni tieghu fejn qal li c-certifikat kien jidher li kien wiehed ta' Diploma u mhux ta' Dottorat u li kienet ovvja illi d-"Dr" kienet mizjuda u ma kinitx qeghda fil-parti originali tac-certifikat. Dan huwa rifless ukoll f'dokument X1, li huma l-minuti tas-seduta tal-Medical Counsel, fejn intqal *'and decided there was therefore no need to consult the University about recognition'*.

Minn spezzjoni okulari tad-dokument X a fol 52, din il-Qorti hi tal-fehma illi l-falsifikazzjoni tidher pjuttost grossolana. Illi pero' mill-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fil-kawza Pulizija vs Charles Le Brun, deciza fl-20 t'Ottubru 1945:

*'Gie pero' ripetutament ritenut minn din il-Qorti, kollegjalment kostitwita, illi trattandosi ta' dokument pubbliku, bhalma hu dan il-kaz, l-att stess tal-falsifikazzjoni jikkostitwixxi l-ingann u l-hsara, jigifieri l-vjolazzjoni tal-fiducja li tinghata lil dokument pubbliku (ara Rex vs Agius, 1 ta' Marzu 1943; Rex vs Rizzo et, 1 t'April 1943; Rex vs Buttigieg, 25 ta' Mejju 1943; Rex vs Kent Justice, 30 ta' Settembru 1943; Rex vs Victoria Gauci, 9*

*ta' Dicembru 1943), u in bazi ta' dan il-principju, giet dejjem respinta eccezzjoni simili* (u cioe' dik tal-falz grossolan).

Illi b'differenza ghar-reat mahsub fl-Artikolu 188, fejn hemm rekwizit l-element ta' lukru:

*'fil-falz ta' dokumenti pubblici, il-legislatur jipprezumi l-potenzjalita' tal-hsara, ghaliex hemm dejjem fihom, bl-att stess tal-falsifikazzjoni, il-hsara attwali tal-fidi pubblika manomessa. 'Ghalhekk fil-kaz ta' dokument pubbliku, il-massima 'Non punitur falsitas in scriptura quae non solum non nocuit, sed nec erat acta nocere', ghandha tiftiehem f'dak is-sens fuq spjegat.'*

Jinghad ukoll illi rigward il-possibilita' di nocumento, bhala kundizzjoni objettiva di punibilita', din tikkonsisti fi:

*'qualsiasi danno o pregudizio di carattere economico, morale, politico, ecc, il quale sia giuridicamente valutabile; u certament il-vjolazzjoni tal-fidi pubblika, li ssir 'ipso facto' bil-fatt tal-falz, hija hsara ta' karattru morali u politiku'.*
Illi l-fatti speci ta' dan il-kaz juru b'mod car li l-imputat mhux biss, b'ammissjoni tieghu stess, iffalsifika certifikat dokument X, izda wkoll ipprezenta l-istess certifikat u mela l-applikazzjoni ghar-registrazzjoni ghal veterinarju, dokument X1 a fol 53. Dawn l-atti jikkonfiguraw perfettament taht l-Artikolu 184 li jipprovdi:

*'Kull persuna li xjentement taghmel uzu minn att u kitba jew skrittura falza msemmija fl-Artikolu ta' qabel dan…tehel meta tinstab il-htija, il-piena stabbilita ghall-awtur tal-falsifikazzjoni'.*

Illi in vista tas-sejbien ta' htija taht ir-reati mahsuba u kontemplati taht l-Artikolu 183 u 184 tal-Kap 9, din il-Qorti hi tal-fehma illi r-reati l-ohra li bihom jinstab mixli l-imputat, u cioe' dawk mahsuba taht l-Artikolu 188, 189 u 167, huma assorbiti.

Illi ghar-rigward tal-akkuza (d), cioe' dik kontemplata taht l-Artikoli 308 u 309 tal-Kap 9, cioe' r-reat ta' truffa, din il-

Qorti hi tal-fehma illi l-fatti speci ta’ dan il-kaz ma jinkwadrawx taht il-qerq sofistikat u eraborat mahsub fir-reat tal-messa in scena.

Ghar-rigward tal-ahhar akkuza, cioe’ akkuza (f), din il-Qorti rat illi l-Prosekuzzjoni ppruvat illi l-imputat huwa mpjegat pubbliku, rat dokument PC a fol 36-38, kif ukoll ix-xhieda ta’ PC 1266 Noel Felice, a fol 36, u gharaf li l-imputat kien membru tal-Korp tal-Pulizija, u ghaldaqstant, il-Prosekuzzjoni rnexxielha li tipprova r-reat mahsub taht l-Artikolu 141 fil-konfront tal-imputat.

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel akkuza, b’assorbiment tat-tieni, it-tielet u l-hames akkuza, hati tas-sitt akkuza, waqt illi ssib lill-imputat mhux hati tar-raba’ akkuza li minnha tillberah, u wara li rat l-Artikoli 183, 184, 141, 31(1)(b)(IX, VIII) u 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat ghal tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn.

Il-Qorti hija prekluza milli tapplika piena addizzjonali kontemplata taht l-Artikolu 190, stante illi dan l-Artikolu ma giex indikat fl-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali a fol 98.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------